**Sur President**

**Kap tal-Partit,**

**Ħbiebi kunsilliera tal-Partit,**

Huwa xieraq illi darba fis-sena nipproponu risoluzjonijiet dwar il-politika tal-Partit. Dan juri li aħna partit li għandu ħarstu ‘il quddiem. Ħaddieħor qed igħidilna illi r-riforma tal-pensjonijiet ma hix xi haga urġenti, meta d-dinja kollha mill-Italja saċ-Ċina qed jħejju riformi fil-pensjonijiet. Il-pensjoijiet irridu ntejbuhom għaż-żgħażagħ u għall-ħaddiema ta’ llum. Ahna mill-llum jinteressana l-ġejjieni taż-żgħażagħ u l-ħaddiema Maltin. Waqt li aħna nwettqu liġijiet u riformi nwettqu, haddieħor joħlom dwar kummissjonijiet, studji, u konferenzi,

Il-partit fl-Oppożizzjoni qed jipprova jippreżenta ruħu bħal partit frisk u ġdid. Xejn ma hu iktar il-bogħod mill-verita’, għax tabilħaqq għandhom l-istess mexxej li kellhom erbatax-il sena ilu, li tilef żewġ elezzjonijiet ġenerali u referendum nazzjonali.

Dan hu l-istess mexxej li wettaq il-politika tiegħu meta kien fil-Gvern. Kienet politika  zbaljata dakinhar u ghadha politika zbaljata llum.

Aħna għandna ambizzjoni għall-poplu taghna. Ambizzjoni li nagħtu lill-poplu “standards” Ewropej. Ahna rridu nagħtu kwalita’ ta’ ħajja aħjar lill-poplu, fl-edukazzjoi, fl-ambjent, fil-qasam soċjali.

L-ambizzjoni ta’ l-Oppożizzjoni hi l-poter. U l-poter akkost ta’ kollox. Ħarġu rapport dwar l-industrija li jgħid li f’Malta għandna noħolqu impjiegi fil-produzzjoni tal-melħ u t-tiswija tal-“boots.” Dan hu xogħol li m’aħniex kompetittivi fih.

L-ambizzjonijiet tagħna għal poplu huma differenti. Aħna qed inġibu fabbriki li jipproduċu l-mediċini u mhux il-melħ. Aħna wettaqna investiment, permezz tal-Lufthanza Technique fit-tiswija ta' l-ajruplani u mhux fit-tiswija tal-boots.

Aħna ma rridux nirbħu l-elezzjoni li ġejja għax ma hawnx alternattiva xierqa, għalkemm alternattiva xierqa ma hawnx. Ahna rridu nirbħu fuq dak li ksibna għal pajjiżna mill-aħħar elezzjoni. U fuq dak li ser nipproponu li nwettqu.

Fl-1998 sibna deficit ta' 150 miljun ġentilment mħalli lilna minn dawk li kienu moderni u maniġerjali. Dan id-deficit issa naqqasnieh ghal inqas minn 3%;

Fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informatica sibna baħħ, u llum qegħdin minn ta' quddiem fl-Ewropa, bil-bidu ta' Smart City b'konċentrazzjoni ta' kumpanija tal-informatika f'pajjiżna.

Fil-qasam ta' l-edukazzjoni tmien snin ilu sibna diskorsi u laqgħat. Aħna qed nibnu skejjel ġodda u nimmoderniżżaw il-qodma bi spiża ta' 60 miljun lira fuq medda ta' snin. Wara l-baħħ tas-sentejn tal-Labour waqqafna kulleġġi, ftaħna skejjel ġodda u moderni u tajna bidu għall-MCAST li lanqas tista' tlaħħaq ma' l-istudenti li jridu jidħlu fiha. Dan il-Gvern fetaħ beraħ l-opportunitajiet għall-eluf ta' studenti. Għandna industrija li qed taħtaf lill-istudenti li qed joħorġu mill-MCAST. Aħna niftaħru bl-istudenti u l-ħaddiema Maltin. Għandhom ħiliet kbar u bil-ħiliet tagħhom kapaċi niġbdu aktar investimenti ġodda f'pajjiżna.

Lill-istudenti fl-iskejjel primarji provdejnilhom il-computers….. lill-istudenti fis-sekondarja qed nipprovdu tagħlim anki f'laboratorji moderni, lill-istudenti u liż-żgħażagħ qed noffrulhom scholarships. Żidna l-għajnuna lill-istudenti Għawdxin.

Fil-politika barranija tmien snin ilu konna maqsumin fuq il-kwestjoni ta' l-Ewropa, bl-Oppożizzjoni ideoloġikamnet kontra; illum ġibna lill-Opożizzjoni taqbel magħna u l-istorja tatna raġun.

Fil-qasam ta' l-ordni pubbliku, sibna Korp tal-Pulizija li f'sentejn ma daħħlux pulizija wieħed. Aħna ftaħna l-ingaġġ sena wara oħra, u ikkontrollajna iż-żjieda fir-rata tal-kriminalita' ħafna aħjar mill-Labour.

Fil-qasam tal-kura ta' l-anzjani, komplejna nagħtu l-aħjar liċ-ċittadini avvanzati fl-eta' sabiex igħixu l-aħħar snin ta' ħajjithom fid-dinjita'. Qabel ħadd ma ried imur l-Imgieret - illum għandna lista ta' stennija għal min irid imur San Vincenz de Paule. Bi swali mill-isbaħ li jixxirqu lill-anzjani tagħna.

Fis-saħħa qed nibnu sptar ġdid. Sptar li l-Partit Laburista kien qal li ried iwaqqa' jekk ikun fil-Gvern. Aħna għandna għal qalbna s-saħħa tagħkom u tal-Maltin u l-Għawdxin. U għalhekk qed isir, investiment record fil-kura tal-pazjenti. B'medja ta' 80 operazzjoi kuljum. B'aktar minn 100,000 vista fid-dipartimenti ta' l-emerġenza. Aktar minn kwar ta' miljun vista fl-out patients. Qed ninvestu fis-saħħa tan-nies u l-Organiżazzjoni Dinjija tas-saħħa poġġiet lil Malta fil-5 post minn fost il-pajjiżi tad-dinji li joffri l-aħjar kura tas-saħħa. Grazzi lil dawk kollha li jaħdmu fis-saħħa u li qed jagħtu s-servizz.

Fit-toroq qed nagħmlu bidla li pajjiżna qatt ma ra bħalna. Minn Ħal Far sa San Pawl il-Baħar. Aktar minn 20 kilometru ta' toroq arterjali. U aktar toroq arterjali oħra f'Għawdex, bejn Victoria u San Lawrenz u bejn Għajnsielem u x-Xewkija. 400 triq lokali mill-elezzjoni 'l hawn. 58 triq f'4 żoni industrijali għall-SME's. Investejna. U investejna aktar bis-saħħa tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Fis-sentejn ta' Alfred Sant kien intefqu Lm5 miljun. Issa ġew investiti Lm30 miljun. U se jsiru aktar. 450 triq lokali f'sentejn.

U nistgħu nkomplu sejrin hekk. Dan hu Gvern dinamiku; fejn kellna sfidi u problemi iffaċjajnihom b'kuraġġ; għalina kulħadd bil-bżonn li naħdmu sabiex insaħħu il-finanzi ta' pajjiżna u irnexxilna;

Ma iddispjaċiniex li investejna fin-nies, fit-Teknology ta' l-Informatika, fit-toroq ta' l-ibliet u rħula tagħna, fil-proġetti f'kull belt u raħal tagħna, fil-miljuni fi proġetti ta' ġonna ġodda u qodma li ngħataw sura ġdida u fit-toroq ġodda li kulħadd igħidu qishom ta' barra. Għax ahna bnejna pajjiż fejn ma hemmx għalfejn tmur barra minn Malta biex tara dak li kont tara barra minn Malta.

X'differenza miż-żmien ta' Sant fil-Gvern u minn dak li jbeżżana bih Sant fl-oppożizzoni. Kien ibeżżana mill-Ewropa. Suppost it-tarzna kellha tagħlaq. Minflok, it-telf tat-tarzna tnaqqas sena wara l-oħra. Din l-ażjenda miexja lejn il-vijabilita.'

Pruvaw ibeżżawkhom li se jiġu l-barranin Malta jieħdu xogħol il-Maltin. Iva l-barranin qed jiġu! Qed jiġu biex jinvestu f'Malta. U qed joħolqu l-impjiegi għall-Maltin u l-Għawdxin. U aktar zgħażagħ u ħaddiema qed isibu postijiet tax-xogħol. F'sena l-investiment barrani kien Lm200 miljun. Taħt Sant kien Lm18 miljun.

Ikkompetejna mal-barranin u l-barranin għażlu li jinvestu f'Malta. Alfred Sant oppona l-investiment ta' l-HSBC għażlet lil Malta biex tiftaħ call centre internazzjonali li se jipprovdi 350 post tax-xogħol.

Alfed Sant oppona l-privatiżazzjoni tal-Port Ħieles. Saret il-privatiżazzjoni. Sar ftehim li jsir investiment ta' 12-il miljun Ewro. Minflok ġew investiti 48 miljun Ewro. Investiment kollu privat.

Qed jiftħu aktar fabbriki. Qed insiru post aktar attrajenti għall-ftuħ ta' call centres. Infetħu akkademji u kumpaniji ta' l-IT. Kburin b'dak li qed inwettqu. F'sena irnexxielna noholqu 4,300 impjieg u l-qgħad naqas.

Beżżgħawkhom li aħna makku u ma' l-Ewropej ma nagħmlu xenj għaliex jiġru bina. Eżempju wieħed li juri l-kobor tagħna. Innegozja mal-Kapijiet Ewropej u Lawrence Gonzi ġab pakkett finanzjarju għal Malta ta' 805 miljun ewro, li 10%

tagħhom se jmorru għal Għawdex u l-Għawdxin. Aħna għandna stima għolja ta' pajjiżna u tal-poplu. Qatt ma nqisu lilna nfusna bħala makku. Irnexxilna nġibu lil l-Ewropa f'Malta, u sseħibna magħha fi sħubija li tirrendi.

Se nibnu fuq ir-riżultati li ksibna. Poġġejna l-finanzi fis-sod. Saħħaħna l-ekonomija. U fil-Budget li ġej sejrin nisħqu fuq tliet ħwejjeġ:

1) Li ma nħallu lil ħadd barra; u ngħinu lil min ma jistax igħin lilu nnifsu;
2) Nagħrfu il-kontribut ta' dawk li b'ħilithom u bl-għaraq ta' ġbinhom ma kienu qatt piż fuq il-Gvern;
3) Ninvestu fiż-żgħażagħ tagħna u kull min għandu l-għatx għall-għerf permezz ta' l-edukazzjoni.

Fuq dan it-tripied irridu nfasslu il-politika tagħna sal-elezzjoni u anki wara.

U għalhekk l-appell tiegħi huwa dan:

Wasal iż-żmien illi nitilqu għall-ġirja lejn l-isfidi li ser iwassluna sa' l-elezzjoni. Issa lkoll kemm aħna irridu nkunu dedikati mija fil-mija għal għan wieħed - dak li naħdmu biex ma nitilfux dak li għandna anzi nibnu fuqu. Issa huwa ż-żmien li nkunu għalenija wara l-Kap tal-Partit li bl-istil tiegħu, illi hu tiegħu u ta' ħadd iżjed, għaraf imexxi dan il-Gvern u partit għall-isfidi li ġew quddiemu u ħaqqu konferma mill-votanti ta' pajjiżna.

Bieb, bieb, ħanut ħanut. Dar dar. Skola skola, irridu nkunu preżenti; għax dan hu partit li dejjem kien fil-qalba tas-soċjeta' Maltija u hekk ser jibqa'. Fil-qalba ta' dak kollu li hu Malta, fil-qalb ta' dak li jagħmilna Maltin.